**7 ta' Novembru, 1990**

**Imħallef: –**

**Onor. Franco Depasquale B.A. LL.D.**

Jane Camilleri, f'isimha proprju u bħala kuratriċi "*ad litem*" ta' bintha minuri Clairita nominata b'digriet tat-3 ta' Ġunju 1987

*versus*

Carmelo Camilleri

**Manteniment – Separazzjoni Personali – Qliegħ tar-Raġel**

*Il-liġi titlob li l-manteniment għandu jingħata skond il-qliegħ tar-raġel u l-utili tiegħu, però dan ma jistax jiġi interpretat b'mod li r-raġel jista' meta jrid jirriżenzja mix-xogħol bla raġuni ġustifikata u jħalli lill-familja bla ma jipprovdi għaliha.*

Il-Qorti: – Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi *proprio et nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-konvenut żewġha mhuwiex qiegħed imantni lill-attriċi u lil binthom minuri Clairita kif inhu obbligat li jagħmel skond il-liġi u kif fil-fatt jista';

Talbet li, għar-raġunijiet premessi din il-Qorti:

tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi għaliha u għall-imsemmija binthom minuri Clairita dik ir-retta alimentari li tiġi stabbilita minn din il-Qorti bil-modalità ta' ħin, lok u ġurnata li tiġi ukoll stabbilita;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata ta' l-attriċi u l-lista tax-xhieda tagħha;

Rat id-digriet mogħti fit-3 ta' Ġunju 1987 wara rikors ta' l-attriċi li permezz tiegħu hija ġiet nominata kuratriċi *ad litem* ta' bintha minuri Clairita;

Rat li l-konvenut għalkemm debitament notifikat biċ-

ċitazzjoni u bil-mozzjoni ta' l-appuntament, baqa' ma ppreżentax id-debita nota ta' l-eċċezzjonijiet skond il-liġi u anqas jirriżulta li deher fid-data tas-smigħ tal-kawża, u għalhekk baqa' kontumaċi;

Rat id-digriet tagħha tat-2 ta' Ottubru 1987 li permezz tiegħu ġie nominat l-Avukat Dottor Francis Zammit Dimech bħala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar it-talbiet attriċi u jagħmel l-osservazzjonijiet neċessarji u li għandhom x'jaqsmu mal-każ;

*Omissis;*

Rat l-atti kollha tal-proċess u d-dokumenti esebiti;

Semgħet lid-difensur ta' l-attriċi;

Ikkunsidrat:

*Omissis;*

Illi l-opinjoni espressa mill-perit legali fir-relazzjoni hija li l-konvenut ma għandux jiġi kkundannat iħallas ebda manteniment lill-attriċi fiċ-ċirkostanzi allura viġenti stante li huwa ma jaħdimx; żied jgħid ukoll: "imma l-attriċi għandu jkollha, bla preġudizzju għal kull dritt ieħor tagħha, il-jedd għall-abitazzjoni fil-fond 95, St Bartholomew Street, Zurrieq, mingħajr ma jkun dovut ebda risarċiment lill-konvenut għal kwalsiasi benefikati li seta' għamel fl-istess fond";

Illi l-Qorti taqbel mat-tieni punt imsemmi dwar il-lokazzjoni

tal-fond konjugali, però sejra tvarja d-deċiżjoni dwar il-manteniment;

Illi rriżulta li l-konvenut kien impjegat fil-korp tal-Pulizija u kellu *basic pay* ta' Lm166.41,7 fix-xahar meta spiċċa; skond ix-xiehda tar-rappreżentant tal-Pulizija: "F'Ġunju 1987 it-taqsima tagħna (l-*accounts division*) kienet informata b'digriet tal-Qorti biex naqtgħu Lm100 fix-xahar b'effett mid-19 ta' Mejju 1987 bħala manteniment għall-attriċi u t-tifla tagħha"; l-istess xhud iddepona ukoll li: "il-konvenut spiċċa mill-pulizija fit-8 ta' Awissu 1987 u infurmat li kien irriżenja minn jeddu";

Illi l-Qorti ma tistax taqbel li raġel li rriżulta li ma kellu xejn li ġegħlu jirriżenja mill-korp tal-pulizija, jaqbad u jitlaq mill-impieg **immedjatament** kif il-mara otteniet digriet għall-manteniment; Ma għandux jiġi lliberat mill-obbligu sagrosant tiegħu li jmantni lil martu u lil bintu li fi żminijiet forsi aħjar kien għażel li jġib fid-dinja; huwa veru li l-liġi titlob li l-manteniment għandu jingħata skond il-qliegħ tar-raġel u l-utili tiegħu; però dan ma jistax jiġi interpretat b'mod li r-raġel jista' meta jrid jirriżenja mix-xogħol bla raġuni ġustifikattiva u jħalli lil martu u bintu bla ma jipprovdi għalihom – din tkun tassew inġustizzja kbira mad-dipendenti tiegħu; jingħad ukoll li f'dan il-każ tkun qed issir inġustizzja mal-pajjiż kollu stante li l-Istat irid imantni tnejn min-nies bi flus li jistgħu jintefqu għal skopijiet soċjali oħra;

*Omissis;*

Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talba attriċi u tikkundanna lil konvenut iħallas lill-attriċi bħala manteniment

għaliha s-somma ta' disa' liri (Lm9) fil-ġimgħa, u inoltre bħala manteniment għal bint minuri s-somma ta' sitt liri (Lm6) oħra fil-ġimgħa, liema ammonti għandhom jitħallsu mill-konvenut lill-attriċi fid-dar ta' abitazzjoni tagħha;

L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut.